**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 13 – 8 ta' Jannar 2013**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 13. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku spjega li minħabba problemi tekniċi l-laqgħa ma setgħatx tiġi *streamed*.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 12 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.2. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ikkummenta li huwa jista' japprova biss il-minuti tal-parti tal-laqgħa li għaliha kien preżenti hu.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 12 jiġu approvati hekk kif imresqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-minuti ġew approvati (60).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1. Il-Viċi Sindku Thomas Agius għamel referenza għal punt 5.6 tal-minuti u talab li jkun jaf mingħand is-Sindku, minn min ingħata l-parir legali li hemm referenza għalih fil-minuti u jekk dan sarx bil-miktub. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li l-parir legali ġie mogħti b' mod verbali minn Dr. Anglu Farrugia.

2.2. Il-Viċi Sindku Thomas Agius għamel referenza għal punti 5.4 u 5.5 tal-minuti u talab li jkun jaf jekk huwa jistax jipparteċipa fid-diskussjoni fuq dawn il-punti u jekk għandux kunflitt ta' interess. Il-Viċi Sindku talab *ruling* tas-Sindku fuq dan. Is-Sindku wieġeb li kien aħjar li l-Viċi Sindku ma jipparteċipax fid-diskussjoni minħabba kunflitt ta' interess.

2.3. Il-Kunsillier Cain Grech għamel referenza għal punt 2.1 tal-minuti u nforma lill-Kunsill li l-laqgħa ma' rappreżentanti ta' Horizon 2000 kienet se ssir l-għada 9 ta' Jannar 2013 u kienu se jattendu għaliha hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

2.4. Il-Viċi Sindku Thomas Agius għamel referenza għar-*ruling* tas-Sindku u kkummenta li huwa għandu diversi mistoqsijiet fuq is-suġġetti msemmija u xtaq ikun jaf jistax jiddiskuti dawn il-mistoqsijiet mas-Sindku mhux waqt il-ħin tal-laqgħa.

2.5. Il-Kunsillier Roderick Aquilina għamel referenza għal punt 6.3 tal-minuti u xtaq ikun jaf jekk fid-dawl ta' dan wieħed jistax jassigura lir-residenti taż-żona tal-Grazzja li dak li ġie mwiegħed lilhom se jsir fl-inqas żmien possibbli. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li r-rapporti tekniċi li kellhom isiru fuq dik iż-żona issa kienu lesti u wieħed jista jaħdem minn hemm skond dawn ir-rapporti u l-prezzijiet ikkwotati fit-tender. Is-Sindku spjega li l-għan jibqa' dak, li x-xogħol jibda fl-inqas żmien possibbli. Il-Kunsillier Aquilina spjega li numru ta' toroq f' din iż-żona jinsabu fi stat ħażin.

2.6. Il-Kunsillier Duncan Bartolo daħal għal-laqgħa fis-6.40pm.

2.7. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza 2.2 u 2.2.1 tal-minuti dwa*r resurfacing* u tiswijiet mill-awtoritajiet ċentrali madwar ir-raħal u huwa qal kien għaddej għajdut minn individwi minn barra r-raħal li dawn it-toroq saru bis-saħħa tagħhom. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar li kien il-Kunsill li kkummissjona rapport tekniku dwar l-istat ta' dawn it-toroq u kien il-Kunsill li bagħat dan ir-rapport lill-Ministru Pullicino u għalkemm ma kienx inbeda x-xogħol fuq it-toroq kollha, il-Kunsll kien ilu minn Settembru jitħabat biex isir dan ix-xogħol. Is-Sindku Alfred Grixti reġa' rringrazzja lil min għen lill-Kunsill f' dan il-qasam.

2.8.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal punt 7 tal-minuti u spjega li l-Kunsill irċieva żewġ appelli fuq l-għoti tat-tenders li sar fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, appell fuq it-tender tat-tindif taż-żoni urbani u appell fuq it-tindif taż-żoni mhux urbani. Is-Sindku kompla jgħid li mill-informazzjoni li nġabret il-proċess tal-appell jieħu madwar sitt xhur u sena. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill jista' jagħżel li jew jibda servizz ta' emerġenza wara li jinġabru kwotazzjonijiet jew inkella jġedded il-kuntratt eżistenti tlett xhur tlett xhur sakemm jinqata' l-appell. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li l-proċess tal-appell diġa nbeda minn naħa tal-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa jissuġġerixxi li l-kuntratti jiġu mġedda għal perijodi ta' tlett xhur sabiex is-servizz jibqa għaddej bla skossi.

2.8.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li ma taqbilx ma dan għax dan ifisser li t-toroq kienu se jibqgħu mhux miknusa sewwwa.

2.8.3. Il-Kunsillier Roderick Aquilina kkummenta li fl-opinjoni tiegħu ma jaħsibx li l-Kunsill kien se jsib kuntratturi nteressati biex jipprovdu dan is-servizz b' emerġenza għal tlett xhur biss.

2.8.4. Is-Sindku Alfred Grixti qal li din is-sitwazzjoni tista' taħdem kontra min għamel l-appell jekk dan jiddeċiedi li jibqa jipprovdi servizz mhux tajjeb.

2.8.5. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li huwa jaqbel mal-proposta tas-Sindku dwar it-tiġdid tal-kuntratti għal perijodi ta' tlett xhur.

2.8.6. Il-Kunsillier Cain Grech qal li fl-aħħar tat-tlett xhur il-Kunsill jista' jagħżel li ma jerġax iġedded għal tlett xhur oħra jekk jara li s-servizz mhux wieħed sodifaċenti.

2.8.7. Il-laqgħa ġiet sospiża fi stadju ta' kumitat fis-7.05pm. Il-laqgħa tkompliet fis-7.25pm.

2.8.8. Is-Sindku Alfred Grixti ippropona li in vista tal-fatt li saru żewġ appelli, għal perijodu sal-31 ta' Marzu 2013 il-Kunsill jibqa juża' s-servizz tal-kuntratturi

preżenti, kemm tat-tindif taż-żoni urbani kif ukoll tat-tindif taż-żoni mhux urbani u li din il-pożizzjoni tiġi riveduta darba kull tlett xhur skond kif ikun qiegħed jipproċedi l-appell li sar fuq dawn iż-żewġ tenders. Din il-proposta ġiet sekondata mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Il-Kunsilliera Catherine Sammut

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-mozzjoni ġiet approvata (61).

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressaq l-ebda punt ta' korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-kunsilliera.

4.2. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ikkummenta li minħabba li l-iskeda tal-pagamenti tqassmet tard fost il-Kunsilliera huwa ma kellux ċans jaraha u allura kien se jastjeni milli jieħu vot. Is-Sindku spjega li l-iskeda tal-pagamenti tqassmet tard minħabba li nbidlet il-ġurnata tal-laqgħa.

4.3. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab kjarifika dwar l-iskema tal-Housing Authority dwar il-manutenzjoni tal-komun tal-blokkok tal-gvern. Is-Sindku Alfred Grixti spjega kif taħdem din l-iskema.

4.4. Il-Kunsillier Philip Said qal li fl-opinjoni tiegħu ma jafx kemm huwa prudenti li l-Kunsill javvanza is-somma tal-€100,000 fuq Vjal il-Ħelsien meta l-Kunsill jaf li hemm numru ta' rqaqat x' jissewwew fi Vjal il-Ħelsien. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li sa fejn kien infurmat hu l-*snag list* tax-xogħolijiet li jridu jsiru hija kważi finalizzata u filwaqt li jifhem il-ħsieb tal-kunsillier Said, jifhem ukoll l-obligi kummerċjali tal-kuntrattur.

4.5. Il-Kunsillier Roderick Aquilina għamel referenza għall-pagamenti numru 7 u 8 u kkummenta li huwa ma jaqbilx li l-Events u Marketing Co-ordinator jiddeċiedi hu liema kuntratturi jipprovdu dan is-servizz mingħajr ma hu fir-rwol tiegħu bħala Kunsillier elett f' isem in-nies ma jkun jaf. Fl-opinjoni tiegħu jridu jkunu l-kunsilliera li jipparteċipaw f' dawn l-għażliet u mhux jiġi dan il-kuntrattur u jagħmel kollox hu, qisu huwa xi kunsillier aktar minnhom

u mbagħad wieħed jippretendi li l-kunsilliera jivvutaw favur dawn il-pagamenti. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li dan ix-xogħol li qiegħed isemmi l-Kunsillier Aquilina qiegħed isir skond il-kuntratt li għandu l-Events u Marketing Co-ordinator u huwa propju biex jitneħħa l-piż minn fuq il-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill li nħoloq dan ir-rwol. Is-Sindku kompla jgħid li l-kuntratturi li jintużaw mill-Event u Marketing co-ordinator jintgħażlu wara li jinġiebu kwotazzjonijiet minnu stess. Il-Kunsillier Aquilina qal li huwa ma kienx jaf li jinġabru kwotazzjonijiet u għalhekk kien qiegħed isaqsi u jivverifika kif qiegħed jaħdem dan il-kuntrattur. Is-Sindku kompla jispjega li dan il-mod ta' kif jopera l-*Events and Marketing Co-Ordinator* kien għadda mill-iskrutinju tal-awdituri li ma kkumetawx negattivament dwaru. Huwa żied jgħid li meta l-*Events and Marketing Co-Ordinator* jibgħat l-*invoice* ta' dawk l-entitajiet li jużа s-servizz tagħhom jibgħatha kif jirċeviha u ma jżid l-ebda mark-up fuqha. Is-Sindku temm jgħid li ma għandu l-ebda problema li l-*Events and Marketing Co-Ordinator* jintalab biex jibda jipproduċi kopji tal-kwotazzjonijiet li jkun talab biex naċċertaw ruħna li jkunu qed jintagħżlu l-aktar offerti finanzjarjament vantaġġużi u biex ikomplu jissaħħu t-trasparenza u l-kontabilità.

4.6. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata hekk kif mressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Il-Kunsilliera Catherine Sammut

**Astensjonijiet;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsillier Roderick Aquilina

Il-pagamenti ġew approvati. (62)

## 5. PREŻENTAZZJONI SKEMI TA' IMANIĠJAR TA' SKART RIĊIKLABLI

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill kif taħdem is-sistema tal-ġbir tal-iskart riċiklabli. Is-Sindku qal li fil-preżent jeżistu żewġ skemi, il-Green Mt u l-Greenpak u hekk kif miftiehem kienu se jsiru preżentazzjoni minn rappreżentanti taż-żweġ skemi. Il-laqgħa ġiet sospiża fis-7.50pm.

5.2. Il-laqgħa tkompliet fid-9.20pm.

## 6. VJAL IL-ĦELSIEN (UPDATE)

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fid-dawl tad-diversi punti li tqajmu fil-laqgħat preċedenti dwar Vjal il-Ħelsien, inkitbet ittra f' isem il-Kunsill dwar il-varji nuqqasijiet u affarijiet pendenti li hemm relatati ma' dan

il-proġett lill-Perit tal-Kunsill. Din l-ittra ntbagħtet fis-27 ta' Diċembru 2012 u l-Perit wieġeb permezz ta' ittra li l-Kunsill irċieva lejliet il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grixti qal li hija xewqa tal-Perit tal-Kunsill li jiġi fil-laqgħa tal-Kunsill u jispjega l-affarijiet lill-Kunsilliera. Is-Sindku qal li huwa stieden lill-Perit jattendi għal din il-laqgħa iżda l-Perit ma' setgħax. Is-Sindku kompla jgħid li huwa kien se jistieden lill-perit għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

6.2. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab kopja ta' din id-dokumentazzjoni. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-korrispendenza kollha hija għad-dispożizzjoni tal-Kunsilliera u min irid jista jara dawn l-ittri flimkien mas-*supporting documents* kollha.

6.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fuq is-suġġett tad-dawl ta' Vjal il-Ħelsien, ix-xogħol fuq id-dokument tat-tender kien fi stadju avvanzat u fil-jiem ta' qabel il-laqgħa l-Enemalta approvat it-*technical specifications* preparati mill-inġinjiera tal-Kunsill, u l-pass li jonqos huwa li l-Kunsill wara li jifformula d-dokument tat-tender, jgħaddi dan id-dokument lid-dipartiment tal-kuntratti sabiex jiġi ċċekjat id-dokument sabiex ikun konformi mal-EU *public procurement regulations* u b' hekk il-Kunsill ikun aktar kopert f' każ ta' azzjonijiet legali.

6.4. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa ġie avviċinat fuq nuqqas ta' dawl minn nies li jieħdu t-tfal il-mużew. Il-Kunsillier Aquilina ġibed l-attenzjoni wkoll fuq ir-riskju ta' *liability* minn naħa tal-Kunsill f' każ ta' xi nċident minħabba nuqqas ta' dawl jew *signage.*

## 7. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP (UPDATE)

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li wara li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien hemmm deċiżjoni li tinħareġ *default notice* lill-kuntrattur jidher li l-messaġġ li ried iwassal il-Kunsill wasal tant li l-kuntrattur fl-10 ta' Diċembru 2012 ġie l-Kunsill biex jipprova jsib soluzzjoni mal-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li din il-laqgħa saret bla ħsieb u kien sab lill-kuntrattur wara l-bieb eżatt qabel ma kien se jitlaq lejn id-dar. Is-Sindku kompla jgħid li matul din il-laqgħa huwa kien spjega lill-kuntrattur li minħabba li dan kien dam jittratjeni l-Kunsill lanqas l-aħħar offerta li kienet saritlu ma seta' jonora minħabba li laħqu ġew approvati l-pagamenti ta' Diċembru. Huwa kompla jgħid li l-uniku alternattiva kienet li l-kuntrattur jibda x-xogħol l-għada ta' dik il-laqgħa u jieħu s-somma ta' €69,702.55 li kien se jagħti d-dipartiment f' każ li x-xogħol jitkompla sad-dati stabiliti.

7.2. Is-Sindku spjega li fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni l-kuntrattur kompla bix-xogħol it-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012 u dakinhar tal-laqgħa kien qiegħed jingħata t-tarmac fi Triq Hal Mula. Is-Sindku Alfred Grixti propona li l-

Kunsill jikkunsidra x' pagamenti jistgħu isiru sabiex tintwera rieda tajba lejn il-kuntrattur. Saret diskussjoni.

7.3. Wara li saret diskussjoni s-Sindku Alfred Grixti propona li biex il-Kunsill juri r-rieda tajba tiegħu lejn il-kuntrattur u mingħar ma jippreġudika l-posizzjoni legali u kuntrattwali tiegħu, il-Kunsill jgħaddi pagament ta' €31,407 (li huwa ekwivalenti għall-20% li kien dovut fuq l-ewwel ċertifikat fuq it-toroq li ilhom lesti sena) meta jitlestew Triq Hal Mula u Triq Abram Gatt u jkun hemm indikazzjoni li ħa jitkompla x-xogħol fuq Triq Mamo u Triq Mula, u tingħata s-somma ta' €32,984 (li tirreferi għal-pagament li l-Kunsill irid jirċievi mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq ix-xogħolijiet tal-WSC li saru fit-toroq taħt l-iskema tal-public privat epartnership) meta jkun lest ix-xogħol fuq Triq Mamo u Triq Mula. Huwa ġie sekondat mill-kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius

Il-mozzjoni ġiet approvata. (63)

## 8. PERFORMANCE BONUS (SEGRETARJU EŻEKUTTIV, PROJECT MANAGER, STAFF KLERIKALI)

8.1. Il-laqgħa ġiet sospiża fid-9.50pm sabiex il-Kunsill jiddiskuti fi stadju ta' kumitat. Il-laqgħa tkompliet fl-10.15pm.

8.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li wara diskussjoni fi stadju ta' kumitat huwa kien qiegħed jipproponi li l-Kunsill jagħti l-performance bonus in full lill-impjegati kollha tiegħu hekk kif stipulat fil-liġi. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-proposta ġiet approvata b' mod unanimu. (64)

## 9. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

9.1. Ma tressqu l-ebda mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

9.2. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf jekk il-Kunsill kellux xi pjanijiet għall-festi ċentenarji ta’ San Filep issa li l-Knisja ħabret il-programm tagħha. Is-Sindku Alfred Grixti qal li bħala Kunsill ma jixtieq jirfes il-kallu ta’ ħadd, la tal-Knisja u lanqas tal-Każini u fl-opinjoni tiegħu huwa jaħseb li kien ikun aħjar kieku saret laqgħa u ġie mfassal programm wieħed komuni bl-attivitajiet ta’ kulħadd. Is-Sindku kompla jgħid li s-issa huwa għandu l-ħsieb li fin-Night Fest li ħa jiġi qrib it-12 ta’ Mejju jsir *re-enactment* tal-miġja tal-istatwa ta’ San Filep u din tkun parti min-Night Fest iżda sa issa ma kien hemm xejn konkret dwar dan.

## 10. AĠĠORNAMENT

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 7 ta’ Frar fis-6.30pm. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-għada 8 ta’ Frar se jkun l-attività annwali tal-karnival li din is-sena kienet se tkun fuq ġurnata waħda u fuq skala iżgħar. Is-Sindku fakkar ukoll li apparti l-laqgħa tas-7 ta’ Frar se jkun hemm laqgħa oħra fit-tieni ġimgħa ta’ Frar fuq l-accounts.

10.2. Il-laqgħa spiċċat fl-10.30pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv